**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 65

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 17 ta' April 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier
Daniel Mallia – Viċi Sindku

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

### ASSENTI:
Ħadd ma kien assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 65.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

65.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

### 65.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 64

65.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-erba' u sittin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

65.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

65.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia, li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra, l-minuti tal-erba' u sittin laqgħa ġew approvati unanimament.

### 65.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-ewwel laqgħa tal-Lokalita Numru 1 għas-sena 2024

65.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-ewwel laqgħa tal-lokalita għas-sena 2024. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

65.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

65.3.3 Fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, li kienet issekondatha mill-Viċi Sindku Daniel Mallia, dawn l-minuti ġew approvati unanimament.

### 65.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

65.4.1 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-latrini pubbliċi kemm tal-Pjazza u kif ukoll tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv. Huwa reġgħa qal kif għadu qed jistenna appuntament mad-Dipartiment tal-Cleansing. Kompla jgħif kif għall-latrina tal-Ġnien il-Kunsill għandu biżejjed fondi biex jagħmilha kollha u għal tal-Pjazza għandu parti mill-fondi. Bħala Sindku huwa ser ikompli jagħmel pressjoni biex isir dan l-appuntament tad-dipartiment tal-Cleansing.

65.4.2 Is-Sindku tkellem fuq Trejqet Francis Anthony Fenech. Huwa spjega kif minn wara l-aħħar seduta, il-Kunsill ikkomunika ma' TM d-deċiżjoni unanima tal-kunsill dwar kif il-kunsill jaħseb li għandu jiġi l-parkeġġ u li anke jitneħħa l-bank kif kien mitlub. Iżda TM baqgħet ma laqgħatx il-proposti tal-Kunsill u ħadet l-inkarigu li tiġi tagħmel s-sinjali bil-kuntarttur tagħha skond l-aħħar pjanta li kienu bgħatu lil Kunsill. Din l-azzjoni spiċċajt qajmet rabja fost il-maġġoranza tar-residenti li joqgħodu fl-istess trejqa. Issa jidher li hemm xi diskrepanzi ta' kif saru it-traffic markings u l-linji tat-triq u għalhekk qed jiġi ssuġġerit li nqabbdu Perit li jispeċjalizza f'dan il-qasam biex jikkonferma u jiċċekja l-marki kollha li saru minn TM. Is-Sur Dalli qal li jekk ikun minnu li vera hemm xi diskrepanzi, il-Kunsill ser ikellem lil Avukat biex jara x'passi jistgħu jittieħdu biex dejjem jiġu ssalvagwardati l-interessi tar-residenti nvoluti.

65.4.3 Wara s-Sindku tkellem fuq Vjal it-Trasfigurazzjoni u Triq it-Tabor. Huwa spjega kif il-problema ta' resurfacing li hemm f'dawn it-toroq għadha ma saritx, li ilha mistennija issa fuq tlett xhur. Dwar dan huwa kiteb lil ħafna entitajiet u Ministeri kkonċernati pero sfortunatament ma wasal imkien. Din il-problema qed iġġib ħafna tgergir u n-nies qed jgħidu li l-Kunsill ma qed jaghmel xejn u wara kollox mhux sew li qed jeħel il-Kunsill fuq xi ħaġa li m'għandhux tort fuqha. Dan hemm nuqqas ta' qbil bejn TM u WSC u m'għandux jeħel il-Kunsill. Għalhekk bħala Sindku huwa ser ikellem lil Avukat biex jara l-Kunsill x'passi għandu jieħu biex tissolva din il-problema.

65.4.4 Is-Sur Dalli tkellem fuq Ħalmann u t-traffic management f'din l-akwata. Huwa qal kif wara li kien ġie mistieden għal meeting mal-Ministeru tat-Trasport u TM fejn ġie akkumpanjat mis-Segretarju Eżekuttiv, intlaħaq ftehiem biex ir-residenti li joqgħodu u l-bdiewa li għandhom għelieiqi l-hawn minn Triq Kjeriku Ġakbu Abela, ser ikunu jistgħu japplikaw mal-Kunsill biex jinħareġ pass u jgħaddu kontra l-One-Way system. Din hija waħda mill-proposti li l-Kunsill kiseb wara konsultazzjoni mar-residenti u l-bdiewa. Is-Sur Dalli żied jgħid ukoll li peress li ngħalqet it-triq li tmur lejn ir-roundabout, inkised ftehiem ma' TM li għal weekends, it-traffiku kollu ser ikun jista jgħaddi two-way.

Is-Sindku qal kif f'Ħalmann kellu anke talba mingħand xi erba cat feeders biex il-Kunsill jieħu ħsieb li jweħħel xi tlett (3) tabelli SLOW u fuqhom jkun hemm anke miktub,biex tinġibed l-attenzjoni, li f'dawn l-inħawi jaqsmu ħafna qtates.

65.4.5 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-proġett ta' public garden li ser ikun qed jiġi mħejji minn Project Green fi Triq Merino. Huwa qal kif bħala Sindku tal-Lokalita flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna minn Project Green biex jiddiskutu l-proġett ta' ġnien pubbliku fi Triq Merino. Huma ddiskutew dan il-proġett fid-dettal mal-perit inkarigat u jidher li ser ikun proġett ta' klassi għolja u se jagħmel differenza kbira fl-akwata. Huwa għamel xi suġġerimenti addizzjonali bħal eżempju li tiżdied xi skultura ta' Sunny Gatt (resident minn Ħal Lija) u dwar x'ħin ikun il-ftuħ u l-għeluq tal-ġnien. F'isem il-Kunsill kollu waqt dan il-meeting, is-Sindku qal li huwa talab ukoll li ssir konsultazzjoni pubblika fil-post stess mar-resdienti. Is-Sindku spjega l-pjanti tal-ġnien u l-istampi li ntbgħatu lil Kunsill minn Project Green. Huwa tenna jgħid li jekk hemm xi ħsibijiet addizzjoni dwar il-proġett għadhom fiċ-ċans li jiġu mgħoddija lil entita.

65.4.6 Fl-aħħar is-Sindku għarraf lil Kunsilliera li kien hemm inċident fil-Pjazza riċenti fejn nħarqet karozza, u l-pulizija għadhom għaddejjin bl-investigazzjonijiet. Minn naħa tal-Kunsill sar rapport għand il-Pulizija għal ħsara li saret fuq fanal ornamentali u xi ħsara oħra fil-wiċċ tat-triq.

## 65.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

65.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm. Pero s-Sindku ma sabx oġġezzjoni jisma x'kellu jgħid il-Kunsillier Zahra dak il-ħin.

65.5.2 Il-Kunsillier Zahra ma kellux mistoqsija eżatt imma għoġbu jgħarraf lil Kunsill bi mera li hemm mkissra fi Triq Robert Mifsud Bonniċi kważi faċċata tal-Kunsill Lokali, fejn il-garaxxijiet. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jikkonfermaw dwar dan u jekk filkas tiġi ordnatha oħra minflokkha.

## 65.6 Korrispondenza

65.6.1 Il-Kap tal-Minoranza staqsiet dwar korrispondenza numru 2024/000334 – twaħħil ta' siġra kommemorattiva. Is-Sindku nfurmaha kif dik kienet korrispondenza dwar żewġ siġriet li ngħataw lil Kunsill biex jitweħlu x'imkien fir-raħal bħala kommemorazzjoni ta' kemm ilhom joperaw il-Kunsilli sal-lum il-ġurnata.

65.6.2 Il-Kap tal-Minoranza staqsiet dwar korrispondenza numru 2024/000361. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmatha kif dik kienet email bi PQ li ġiet mitluba bħala informazzjoni mid-Dipartiment fuq is-servizz tal-contracts manager li għandu l-Kunsill bħalissa.

65.6.3 Is-Sinjura Farrugia xtaqet tkun taf x'inhi korripondenza numru 2024/000362. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmawha kif dik kienet korrispondenza li l-Kunsill bgħat lil IM dwar il-mod ta' kif ġew implementati l-linji u l-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq is-Salvatur. IM speċifikat li l-linji saru skond l-approvazzjoni li kellhom mingħand TM, u kif ċertu linji u kaxxi oħra tal-parkeġġ ma reġgħux saru għaliex approvazzjoni mingħand TM propju ma kienx hemm.

65.6.4 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia xtaq ikun jaf x'inhi korrispondenza numru 2024/000387. Is-Sindku nfurmah kif il-Kunsill għadu qed jikkomunika ma' diversi entitajiet fosthom LESA u l-AKL biex il-Kunsill jara kif ser jiġbor it-12,000 elf ewro tal-vann tal-elettriku, peress li Transport Malta qalet li l-Kunsill Lokali mhux eleġibbli għal din il-grant. Il-Kunsil ser jibqa jipressa dwar din il-kwistjoni.

65.6.5 Is-Sindku għamel rimarka dwar korrispondenza numru 2024/000399 bl-isem ' Meeting re Proposal bus route 106 & 54'. Is-Sur Dalli spjega kif din il-materja żviluppat fejn riċenti l-Kunsill reġgħa ltaqgħa mal-uffiċċjali tal-public transport u din id-darba ukoll kienu mistiedna rapreżentanti mill-Kunsilli Lokali ta' Ħal Balzan u Ħ'Attard, peress li t-tibdil fiż-żewġ rotot ser anke jaffetwa lilhom bħala kunsill lokali. Il-Kunsilli ta' Ħal Balzan u Ħ'Attard ma jidrux li huma kontra t-tibdil li qed jiġi propost fir-rottot, pero s-Segretarji Eżekuttivi taż-żewġ Kunsilli ma setgħux jieħdu deċiżjoni weħdihom u t-tnejn għandhom iressqu l-proposti li ġew diskussi mal-membri tal-Kunsilli tagħhom fis-seduta t'April li jmisshom. Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija qed jistenna risposta lura mingħandhom biex jekk finalment ilkoll jaqblu l-proposti jitmexxu għall-implementazzjoni u l-approvazzjoni ta' TM.

65.6.7 Il-Kunsillier Ċini staqsa dwar korrispondenza numru 2024/000427 – 'Kuntatt urġenti ma' resident dwar hump fi Triq Tal-Mirakli'. Is-Sindku qal kif dik hija korrispondenza dwar hump li ħadet deċizzjoni dwarha IM biex titweħħel. Dwar dan il-każ hemm kwistjoni bejn żewġ residenti li joqgħodu faċċata ta' xulxin, fejn wieħed irida biex tgħinu jiġbor l-ilma tax-xita u l-ieħor ma jridix għax qed jibża li jaħbat l-ilma tax-xita għal għandu u jinżillu fil-garaxx u jaf tiġi kkawżatha ħafna ħsara. Sintendi minħabba l-ħsara li tista tiġi kkawżatha dan ir-resident ma jridix u qed jiġġieled ma' IM saħansitra anke kiteb bl-avukat. Is-Sindku prova jgħinu lil dan ir-resident bi diversi modi pero IM xorta baqgħet

tinsisti li l-hump ssir u l-kunsill anke bgħat imejl f'isem ir-resident biex jikkuntatjah il-perit inkarigat mill-implimentazzjoni tal-hump.

65.6.8 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia xtaq ikun jaf dwar xiex inhi korrispondenza numru 2024/000413 ' Removal of 1.5m Keep Clear Bay'. Is-Sindku nfurmah kif hemm residenta qed titlob biex fi Triq Antonio Azzopardi titneħħa keep clear li m'għadtx għandha aktar użu.

## 65.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv għas-sena 2023

65.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill kopja tar-rapport amministrattiv li hija preparat għas-sena 2023. Kopja tar-rapport Amministrattiv intbgħat lis-sindku u l-Kunsilliera minn qabel.

65.7.2 Fil-qasir is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif dan ir-rapport jispjega fid-dettal l-ħidma li saret mill-kunsill kollu tul is-sena 2023. Apparti l-ħidma li wettaq l-kunsill, dan ir-rapport jiġbor fih ukoll stampa ċara tal-iskemi kollha li l-kunsill applika għalihom; tal-attivitajiet u meetings li attenda; tas-servizzi li ġew mgħottija lir-residenti; lista ta' proġetti li twettqu għal ġid tal-komunita; dettalji dwar l-infiq u d-dħul tal-kunsill matul is-sena sħiħa u ħafna aktar dettalji bħal dawn.

65.7.3 Is-Sinjura Seguna ukoll qalet li għadt baqa xi kunsilliera li għadhom ma batux ir-rapport ta' ħidma tagħhom u għandhom jibgħatu dan ir-rapport kemm jista jkun malajr ħalli jiġu nklużi fl-aħħar tar-rapport amministrattiv, kif għandu jkun.

65.7.4 Ir-Rapport Amministrattiv li ġie ppreparat għas-sena 2023, ġie approvat unanimament mill-kunsill fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra.

## 65.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Ewwel Rapport ta' kull kwart għal perjodu Jan-Mar 2024

65.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill l-ewwel rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Marzu 2024. Kopja tar-rapport intbgħatet lil Kunsilliera kollha qabel is-seduta. L-*accountant* ma kienx preżenti biex jispjega dan ir-rapport u għalhekk l-ispjegazzjoni ta' dan ir-rapport ingħatat mis-Sindku.

65.8.2 Is-Sindku ta spjegazzjoni tar-rapport fejn qara l-figuri kif ġej. Huwa qal li l-kunsill kellu dħul totali ta' €157,648, nefqa totali ta' €106,659 u dan irriżulta fi surplus ta' €50,988. Is-Sindku kompla jispjega r-rapport billi ta *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu kienet ta' 74%. Il-cash balances tul dan il-perjodu kienu ta' €309,506.

65.8.3 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet addizzjonali li xtaqu jagħmlu. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

65.8.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondantha mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

## 65.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

65.9.1.1 <u>Tender opening report – Servizz tal-ġbir tal-iskart goff</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill rapport dwar il-ftuħ tat-tenders li sar riċenti għas-servizz tal-ġbir tal-iskart goff. L-offerti nfetħu l-Ġimgħa 12 t'April u b'kollox is-Sinjura Seguna qalet li hemm erba offerti x'jiġu evalwati.

65.9.1.2 Fil-jiem li ġejjien hija qalet kif dan it-tender ser jibda jiġi evalwat u bħas-soltu ser jinħatar bord għall-evalwazzjoni li jikkonsisti mis-Sindku Anthony Dalli bħala chairperson, is-Sinjura Seguna bħala Segretarju u Chris Falzon, Romina Periċi Ferrante u Dr. Errol Cutajar bħala evalwaturi. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota u approvaw il-ħatra ta' dan il-bord biex tkun tista tibda ssir l-evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ser iżżomm lil kunsill infurmat dwar din il-proċedura.

65.9.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni - xiri ta' generator u jigger/drill għall-użu tal-ħaddiema tal-Kunsill</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda għal kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill biex ikun jista jinxtara generator u kif ukoll jigger, ħalli l-ħaddiema tal-kunsill jkunu jistgħu jaħdmu aħjar meta jiġu biex jagħmlu ċertu xogħol.

65.9.2.2 Il-Kunsill kollu ananimament approva x-xiri għal dawn iż-żewġ tipi ta' apparat.

65.9.3.1 <u>Kunsiderazzjoni – Xiri ta' safe tal-flus għal Kunsill Lokali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ressqu proposta għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill kollu biex jinxtara safe fejn jitpoġġew il-flus b'mod sigur fil-Kunsill Lokali sakemm jiġu depożitati.

65.9.3.2 Il-Kunsilliera approvaw din it-talba minnufih. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb jixtru dan is-safe.

65.9.4.1 <u>Talba Reserved Parking għal Lottu fi Triq Sir Ugo Mifsud</u>
Saret talba mal-Kunsill Lokali biex l-uffiċċju tal-Lottu fi Triq Sir Ugo Mifsud ikollu reserved parking waqt il-ħinijiet tal-ftuħ bejn 7:00am u 3:00pm.

65.9.4.2 Il-Kunsill approva din it-talba u ser tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

65.9.5.1 <u>Talba għal sleeping policeman Triq il-Kunċizzjoni</u>
Resident ressaq talba mal-Kunsill biex tiġi nstallatha sleeping policeman fi Triq il-Kunċizzjoni, fid-djuq qabel il-mużew tas-subien għaliex karozzi vera qed jgħaddu bi speed qawwi.

65.9.5.2 Il-Kunsill approva din it-talba u ser tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

65.9.6.1 <u>Talba għal sleeping policeman fi Triq il-Kbira</u>
Tressqet talba biex issir sleeping policeman fi Triq il-Kbira fejn kien il-percus għaliex karozzi ukoll qed jgħaddu bi veloċita qawwija mmens. Għal din l-isleeping policeman aktarx diġa kien sar permess mill-Kunsill fil-passat, pero alijistajkjun l-Kunsill l-aħjar li jerġa japplika

65.9.6.2 Il-Viċi Sindku Daniel Mallia staqsa jekk jistgħux jagħmlu ronda frekwenti il-Pulizija jew joqgħodu stazzjonati bl-ispeed gun minflokk jiġu mplementati aktar humps. Is-Sindku spjegalu kif mid-dehra dawn it-tip ta' spezzjonijiet mill-Pulizija m'għadhomx isiru għaliex huwa talab għalihom diversi drabi bħala Sindku. Il-Kunsill approva din it-talba u ser tintbgħat għall-approvazzjoni ta' TM.

65.9.7.1 <u>Implimentazzjoni ta' sleeping policeman fi Triq Annibale Preca</u>
Saret talba mingħand resident biex fi Triq Annibale Preca terġa titweħħel l-isleeping policeman li kien hemm fejn l-istatwa tal-Madonna qabel ma wieħed jidħol għal triq Tal-Mirakli.

65.9.7.2 Il-Kunsill approva din it-talba biex terġa titweħħel din l-isleeping policeman.

65.9.8.1 <u>Diskussjoni dwar Triq id-Dejqa kantuniera ma' Triq Dun Anton Ebejjer</u>
Is-Sinjura Seguna ressqet imejl għad-diskussjoni dwar kwistjoni li riċenti nqalgħet fi Triq id-Dejqa kantuniera ma' Triq Dun Anton Ebejjer.

65.9.8.2 Fil-qosor ġie spjegat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li issues bejn il-ġirien m'hemmx għaliex dejjem ftemu bejniethom kollha. Dan pero hemm persuna li qed jikri residenza li dan ma jridx karozzi jipparkjaw mal-faċċata tiegħu taħt tieqa li huwa għandu. Dan għaliex qed jgħid li kien hemm xi darba fejn karozza għalqitlu l-bieb, qed tidħollu riħa ta' exhaust ġewwa fid-dar, il-karozzi li jipparkjaw qed iħallu l-marki taż-żejt warajhom fit-triq u wkoll meta jkun hemm karozza pparkjatha din tintuża bħal latrina, għaliex klieb jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom mar-roti jew ma' ġenba. Mid-dehra minħabba dawn il-problema filfatt ir-resident ħareġ xi pots fit-triq li dwarhom sar ilment, minn residenti oħrajn li jgħixu fit-triq. Is-Sinjura Farrugia kompliet tgħid kif dan il-persuna kelmuh il-Pulizija tal-Komunita, fejn il-Pulizija tal-Komunita nfurmawh li l-qsari li ħareġ huma llegali u jrid ineħħihom u dwar il-parkeġġ qalulu li f'għajnejhom huwa llegali ukoll li wieħed jipparkja u jagħlaq it-triq għax hija triq passaġġa.

65.9.8.3 Is-Sinjura Farrugia kompliet tgħid kif dan il-persuna neħħihom il-pjanti pero poġġa notice mal-bieb biex ħadd ma jipparkja quddiemu, għaliex mid-derha l-pulizija qalulu wkoll biex kull darba li tipparkjalu karozza iċempel u jtihom in-number plate. Is-Sa Farrugia qalet li hija tkelmet mar-resident fejn qaltlu jekk jaqbilx kieku kellu jinħoloq kompromess u jsir parkeġġ mal-ġenb taħt t-tieqa ż-żgħira u fejn il-bieb issir keep clear. Hija qalet li dan ma jsibx oġġezzjoni għax ma tagħmilux differenza. Pero riċenti ssa nqala pandemonju sħiħ u xi ħadd ċempel lil gwardjani dwar il-parkeġġ li qed isir fit-triq kollha. Sintendi l-gwardjani ġew fuq il-post jiċċekjaw.

65.9.8.4 Is-Sinjura Farrugia qalet li fl-opinjoni tagħha Triq Dun Anton Ebejjer għandha tkun clear mill-karozzi u jsir uffiċjalment parking fil-kantuniera biss u t-triq tibqa passaġġa. Hija anke qed tissuġġerrixi li ssir konsultazzjoni man-nies li

joqgħodu fit-triq biex issir spjegazzjoni dwar x'inhu legali jsir u x'mhux għaliex fil-verita qalet li bejn il-ġirien m'hemmx inkwiet u dejjem irranġaw bejniethom u pparkjaw il-karozzi wara xulxin u ċaqilqu lil xulxin f'każijiet ta' bżonn.

65.9.8.5 Is-Sindku qal kif dan l-istess persuna li qed jilmenta huwa kelmu ukoll. Is-Sur Dalli qal li huwa ma jsibx oġġezzjoni lanqas xejn biex ma jitneħħix il-parkeġġ u l-karozzi jibqgħu jipparkjaw kif dejjem għamlu biss l-istess gwardjani ġew il-kunsill u wissew lil Kunsill biex joqgħod attent u jieħu nkonsiderazzjoni każ ta' emerġenza jekk ikun hemm bżonn b'mod urġenti li tidħol ambulanza jew fire engine. Is-Sur Dalli qal li n-nies jridu jifhmu li dment li qed jirranġaw bejniethom m'hemmx oġġezzjoni pero ma jeħilx il-Kunsill kemm il-darba jkun hemm każ urġenti ta' emerġenza u jkun hemm bżonn li tidħol ambulanza u fire engine speċjalment bil-lejl.

65.9.8.6 Is-Sur Dalli kompla jgħid kif huwa ser jiprova jkellem lil gwardjani li marru fuq il-post. Huwa ser jispjegalhom li residenti minn dejjem ipparkjaw b'ċertu mod u ftemu bejniethom u jimxi minn hemm u jara x'se jgħidulu.

65.9.8.7 Is-Sinjura Farrugia staqsiet jekk pero wara l-kantuniera ta' wara d-dar jistax jsir parkeġġ u s-Sindku qal kif biex isir parkeġġ irid jkun hemm bejn wieħed u ieħor spazju ta' 3.5m għax fi kantuniera gwardjan faċli jtik kontravenzzjoni. Għalhekk huwa kif qal ser jibda billi jitħadded mal-gwardjani.

## 65.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

65.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 4/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €95.00 għax-xahar ta' Marzu.

65.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 4/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia li kienet issekondatha mill-Kunsilliera Joseph Zahra. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 65.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

65.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjonijiet alarmanti riċenti ma kienx hemm. Il-Kunsilliera ġew nfurmati biss li l-każ dwar PA0267/21 fi Triq Daniel Sammut ġie deferit għas- 16 ta' Mejju 2024 fi 1:30pm.

## 65.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

65.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

65.12.2 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmaw lil Kunsilliera kif il-Kunsill rebaħ l-appell li kien għaddej fuq it-tender tal-knis. Il-Bord tal-kuntratti qabel mad-deċiżjoni u l-azzjoni li ħa l-Kunsill dwar din it-tender. Issa l-avukat tal-Kunsill informa lis-Segretarju Eżekuttiv biex xorta ma jipproċedix billi jagħlaq is-sistema online u jiġi awarded bidder ġdid qabel 30 ġurnata. Dan għaliex għadt hemm ċans u jista jagħti l-każ li l-appellant jipproċedi u joħodha l-Qorti ssa jekk jrid. Wara 30 ġurnata jekk ma jinstema xejn bil-qorti l-Kunsill ser jiproċedi kif suppost u jingħata t-tender lil WM Env Ltd.

65.12.3 Is-Sur Zahra qal li riċenti ttajret persuna waqt li kienet qiegħda taqsam fejn il-fabbrika tal-għaġin għan-naħa tal-bathroom design bil-lejl. Huwa qal hekk għaliex fl-opinjoni tiegħu mportanti ħafna li ssir talba mill-Kunsill ma' TM biex isiru z-zebra crossings li tqajjem punt dwarhom fil-laqgħa tal-lokalita. Is-Sindku qal kif iva l-kunsill qiegħed fil-proċess li jibgħathom.

65.12.4 Is-Sinjura Farrugia qalet li meta jiġu biex jipparkjaw il-ġenituri li jieħdu t-tfal l-iskola fil-Lija Primary school qed jipparkjaw kull fejn iridu mingħajr anke ma jagħtu każ li jagħlqu l-aċċess għal garaxxijiet tar-residenti. Hija saqsiet jekk warden jistax jdur u jara dawn l-affarijiet speċjalment fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, Mario Agius, Ramiro Barbaro u Dun Karm Lia. Is-Sindku qal kif l-uffiċjali tal-komunita vera skarsi u bilkemm jkun hemm uffiċċjal biex joqgħod fejn il-gate tal-iskola. Is-Sindku qal kif lir-residenti li għandhom garaxx f'dawn it-toroq, il-Kunsill min ried, tagħhom sticker biex iweħluha mal-garaxx fejn tinforma lil dak li jkun biex ikun prudenti u ma jagħlaqx l-aċċess. Din l-isticker/karta għal ċertu żmien kienet qiegħda taħdem imma f'daqqa waħda is-sitwazzjoni reġgħat irkadiet. Is-Sindku qal kif ser imur hu jerġgħu jittawwal u josserva din is-sitwazzjoni.

65.12.5 Is-Sur Zahra qal li fi Triq Robert Mifsud Bonniċi kantuniera ma' Triq Ġ.Cali faċċata fejn qed tinbena d-dar tal-anzjani, hemm ċint il-barra li qiegħed mal-grawnd. Huwa saqsa jekk dan jistax jidħol metru l-ġewwa, għaliex umbgħad hemm anke l-bankina u tiġi blind corner kerha. Is-Sindku talbu biex jekk jista jieħu ritratt u jibgħatu l-Kunsill ħalli jara eżatt x'qed jgħid u jara jekk tistax issir xi ħaġa.

65.12.6 Il-Ħin kien 7:20pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-4:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tnejn 20 ta' Mejju 2024.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Seguna
Segretarju Eżekuttiv